32006D0552

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Awwissu 2006

li temenda l-Anness XI tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE fir-rigward tal-lista tal-laboratorji awtorizzati li jimmaniġġjaw il-virus ħaj tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għall-produzzjoni tal-vaċċin

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3447)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/552/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tirrevika d-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/531/KEE u 91/665/KEE u temenda d-Direttiva 92/46/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 67(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2003/85/KE tistipola miżuri minimi ta' kontroll li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' tifqigħa tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u ċertu miżuri preventivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-konoxxenza u l-preparazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u mill-komunità agrikola fir-rigward ta' dik il-marda.

(2) Il-miżuri preventivi stipolatifid-Direttiva 2003/85/KE jinkludu l-proviżjoni li l-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-immaniġġjar tal-viru ħaj tal-marda ta' l-ilisen u d-dwiefer għall-manufattura ta' l-antiġeni inattivati għall-produzzjoni tal-vaċċini jew vaċċini u riċerka relatata isir f'laboratorji approvati elenkati fil-Parti B ta' l-Anness XI ta' dik id-Direttiva.

(3) L-awtoritajiet kompetenti tal-Ġermanja infurmaw uffiċjalment lill-Kummissjoni dwar ċertu tibdil relatati mal-produtturi tal-vaċċini tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer f'dan l-Istat Membru. Il-Ġermanja ġeddet il-garanziji ta' sigurtà meħtieġa għal-laboratorju li jinsab fit-territorju tagħha.

(4) Għal raġunijiet ta' sigurtà huwa importanti li tinżamm aġġornata lista ta' laboratorji nazzjonali awtorizzati biex jimmaniġġjaw l-vajrus ta' l-ilsien u d-dwiefer għall-produzzjoni tal-vaċċin li tinsab fid-Direttiva 2003/85/KE.

(5) Għalhekk, huwa meħtieġ li tinbidel il-lista ta' laboratorji li huma awtorizzati li jimmaniġġjaw il-virus ħaj tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għall-produzzjoni tal-vaċċin li tinsab fil-Parti B ta' l-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE bil-lista stipolata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XI għad-Direttiva 2003/85/KE, Parti B, hu mibdul bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-3 ta' Lulju 2006.

[1] ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1. Direttiva emendata bid-Deċiżjoni 2005/615/KE (ĠU L 213, 18.8.2005, p. 14).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-3 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness XI tad-Deċiżjoni 2003/85/KE, Parti B hu mibdul b' li ġej:

L-Istat membru fejn qiegħed il-laboratorju		Laboratorju
Kodiċi ISO	Isem	
DE	Il-Ġermanja	Intervet International GmbH, Köln
FR	Franza	Merial, S.A.S., Laboratoire IFFA, Lyon
GB	Ir-Renju Unit	Merial, S.A.S., Pirbright Laboratory, Pirbright
NL	L-Olanda	CIDC-Lelystad, Central Institute for Animal Disease Control, Lelystad